MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 361/2010

**Pool & Spa Supplies Limited**
**(C – 9735)**

**vs**

**George Pace (I.D. no. 757855M)**
**f'ismu personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta'**
**Presidential Holdings Ltd. (C – 38482)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf, mija u erbgha u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmi (€1,154.75), rapprezentanti bilanc minn somma akbar u prezz ta' xogholijiet u materjal ikkonsenjati lilhom mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom stess.

Illi ghalkemm interpellati diversi drabi ghall-hlas, dawn baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, mija u erbgha u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmi (€1,154.75), bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li gew ingunti in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elf, mija u erbgha u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmi (€1,154.75), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------